# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**SEDUTA TAT-30 TA' MEJJU 2019**

**Kawza Numru: 6**

**Rik. Gur. 999/2008 RGM**

**Alfred Mangion (I.D. Nru 75739(G)) u Martu Josephine Mangion (I.D. Nru 229741(M)), Joseph Mangion (I.D. Nru 18638(G)), Esther Azzopardi (I.D. Nru 76850(G)) u r-ragel taghha Gerald Azzopardi (I.D. Nru 763649(M)**

**vs.**

**Paul Vassallo (I.D. Nru 802044 (M)) u martu Frances Vassallo (I.D. Nru 229446(M)), Bettega Cuschieri (I.D. Nru 45028 (M)) u Vanessa Azzopardi (I.D. Nru, 453284 (M)), U Coleiro General Supplies Limited (C-3429)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors guramentat prezentat mill-atturi** li permezz tieghu ippremettew u talbu is-segwenti:

"1. Illi l-atturi huma s-sidien tal-garaxx bin-numru 22, Triq il-Harrub, Msida, li jinsab mikri lill-inkwilini Coleiro General Supplies Limited;

2. Illi permezz ta' kuntratt datat 31 ta' Jannar 1996 fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Spiteri, l-atturi bieghu l-arja ta' l-imsemmi garage lill-konvenut Paul Vassallo (Dok A hawn anness) bi dritt illi l-istess konvenut jqabbad l-kommunikazzjoni tad-drains u d-drenagg ta' l-arja in vendita ma' dik tal-garage sottostanti, liema komunikazzjoni kienu jinstabu fix-xaft retropost tal-binja, b' obbligazzjoni ta' hlas pro rata ghall-manutensjoni u riparazzjoni ta' l-istess sistema (artikolu 5 tal-kuntratt);

3. Illi permezz ta' kuntratt datat 4 ta' Frar 2003 fl-atti tan-Nutar Dr Edward Flores, l-istess Paul Vassallo u martu Frances Vassallo bieghu lill-konvenuti Bettega Cuschieri u Vanessa Azzopardi l-flat sovrastanti l-imsemmi garaxx, u cjoe il-flat numru wiehed (1), fil-blokk ta' appartamenti bl-isem 'Maple Leaf', gewwa Triq il-Harrub, Santa Venera (Dok B hawn anness);

4. Illi l-konvenuti jew min minnhom vjolentement, abusivament u illegalment taqbu s-saqaf tal-fond ta' l-atturi u installaw katusi tad-drenagg u ta' l-ilma fl-istess proprjeta' ta' l-atturi, kif jidher mir-ritratti hawn annessi (Doks C - J) u dan meta l-imsemmija katusi setghu facilment tqabbdu mas-sistema ezistenti ghaddejja mix-xaft tal-blokk;

5. Illi l-konvenuti Coleiro General Supplies limited bhala inkwilini ppermettew li jsir dan ix-xoghol abusiv u illegali u naqsu milli jipprotegu l-fond ta' l-atturi jew f'kull kaz milli jinfurmawhom b' dan ix-xoghol;

6. Illi din l-azzjoni illegali u abbuziva mhux biss aggravat is-servitujiet li kienu naxxenti mill-proprjeta’ ta’ l-atturi u il-konvenuti imma talli kkreat servitu’ gdida illegalment;

7. Illi inoltre din l-azzjoni kkawzat hsarat estensivi fil-fond tal-atturi fis-saqaf sia direttament minhabba x-xogholijiet ezegwiti kif ukoll indirettament minhabba perkolazzjoni ta’ ilma;

8. Illi minkejja illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 16 ta’ Mejju 2008 (dok K hawn anness), sabiex jnehhu l-katusi fil-fond taghhom, kif ukoll sabiex jesegwixxu x-xogholijiet rimedjali kollha mehtiega, dawn xorta baqghu inadempjenti;

Ighidu, ghalhekk, il-konvenuti ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi x-xoghlijiet ta’ installazzjoni ta’ katusi ta’ drenagg u ilma fil-fond 22, Triq il-Harrub, Msida, saru b’ mod abusiv u illegali stante li aggravaw is-servitujiet naxxenti mill-ambjenti tal-fondijiet, holqu servitujiet godda illegalment, kif ukoll saru bi ksur tal-klawzoli tal-kuntratt ta’ bejgh datat 31 ta’ Jannar 1996;

2. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-dannu soffert mill-atturi konsegwenza tax-xogholijiet minnhom ezegwiti;

3. Tillikwida d-dannu soffert mill-atturi, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

4. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, u taht id-direzzjoni ta’ perit tekniku nominat minn dina l-Qorti, jnehhu u jaqilghu l-katusi kollha mwahhla fil-fond ta’ l-atturi,

kif ukoll sabiex isiru x-xogholijiet rimedjali kollha mehtiega fil-fond ta' l-atturi u f' kaz li l-konvenuti jonqsu milli jaghmlu dak lilhom ordnati fiz-zmien lilhom prefiss, tawtorizza lill-istess atturi jaghmlu huma l-istess xogholijiet taht is-sorveljanza ta' l-istess perit nominat u dana a spejjez ta' l-istess konvenuti;

5. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Mejju 2008 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti sabiex jidhru in subizzjoni."

Rat **ir-risposta guramentata ta' Paul Vassallo u martu Frances Vassallo**[1] (konjugi Vassallo) ipprezentata fl-20 ta' Marzu, 2009 fejn jinghad kif gej:

"1. Illi preliminarjament, l-azzjoni tar-rikorrenti hija wahda legalment invalida stante li l-istess rikorrenti qieghed jaghmel azzjoni ta' spoll;

2 .Illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija wahda preskritta stante li din ma saritx fit-terminu stabilit mill-ligi, kemm ghal dak li jirrigwarda spoll, kif ukoll ghal dak li jirrigwardja propjeta';

3. Illi l-intimati Vassallo dejjem inghataw l-approvazjoni tar-rikorrenti kif ukoll ta' l-intimati Coleiro General Supplies Limited kif jidher car mill-fatti fejn l-istess esponenti setghu jaghmlu x-xogholijiet billi jinghataw permess minghand ir-rikorrenti u Coleiro General Supplies Limited;

[1] Pagna 35 tal-process

4. Illi mhux minnu li saret xi hsara ta' xi forma jew ohra fil-propjeta' in kwistjoni u jinkombi fuq ir-rikorrenti sabiex jippruvaw fejn u kif hemm il-hsara;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas suespost, mhux minnu li l-esponenti baqghu inadempjenti izda kienu propja l-istess esponenti li accettaw biex jaghmlu x-xogholijiet mitluba mir-rikorrenti u dan bl-ispejjes kollha involuti a karigu taghhom. Dan jista jigi kkonfermat mir-rikorrenti stess li kienu prezenti f'laqgha li saret fil-15 ta' Settembru 2008, u dokumentazzjoni hawn annessa;

6. Illi huma l-intimati Bettega Cuschieri u Vanessa Azzopardi li rrifjutaw li jhallu li jsiru dawn ix-xogholijiet, u ghalhekk kwalsiasi sanzjoni ghandha tmur kontra dawn ta' l-ahhar;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes u l-imghax legali kontra r-rikorrenti jew l-intimati l-ohra li minn issa huma ngunti ghas subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' **Bettega Cuschieri u Vanessa Azzopardi**[2] (konjugi Cuschieri) li permezz taghha eccepiet kif gej:-

1. Illi, preliminarjament, l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors promotur tal-atturi huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta waqt l-andament tal-kawza;

[2] Pagna 42 tal-process

2. Illi, preliminarjament ukoll il-konvenuti Bettega Cuschieri u Vanessa Azzopardi ma humiex il-legittimi kuntradditturi f'din il-vertenza u dan *stante* li ma jistghux ikunu obbligati jassumu oneri kuntrattwali jew ex-kuntrattwali responsabbli ghalihom terzi u dan *ai termini* tal-principju *res inter alios acta* kif sancit fl-Art. **999 et. seq.** tal-**Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-konvenut Paul Vassallo qieghed, permezz tar-risposta tieghu imdahhla fl-atti processwali ta' din il-kawza fl-ismijiet premessi, gia` assuma responsabbilita` ghat-talbiet attrici;

4. Illi, isegwi li min huwa responsabbli ghal ksur ta' drittijiet jew xort'ohra obbligazzjoni kuntrattwali jew ex-kuntratwali ghandu jirrispondi ghalihom hu u mhux terzi inkolumi li ma ghandhom x'jaqsmu xejn fit-tilwima;

5. Illi, x-xogholijiet oggett ta' din il-vertenza saru qabel ma l-konvenuti Cuschieri u Azzopardi xtraw il-proprjeta` Flat 1, 'Maple Leaf', Triq il-Harub Santa Venera;

6. Illi, il-konvenut Paul Vassallo qieghed jadossa r-responsabbilita` tan-nuqqas li jsiru xogholijiet rimedjali fuq il-konvenuti respondenti u dan *stante* li qeghdin jopponu li jsiru xogholijiet fuq il-proprjeta` taghhom;

7. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, kif jirrizulta mid-dokument 'B' anness flimkien mar-rikors promotur, il-konvenuti xtraw u akkwistaw il-proprjeta` taghhom mill-konvenut Vassallo skont il-pattijiet u kundizzjonijiet [relat]ivi kontenuti u dan senjatament il-kundizzjoni imsemmija fl-ahhar paragrafu tar-raba' pagna tal-kuntratt ta' bejgh u akkwist bejn il-partijiet in atti Dott. Edward Flores datat l-4 ta' Frar, 2003;

8. Illi, minn hemm jidher car li l-venditur wieghed u obbliga ruhu li l-katusi ta' drenagg jghaddu mill-btiehi interni;

9. Illi, l-azzjoni attrici u l-pozizzjoni tal-konvenut Vassallo hija dik li tipprospetta li jigi kostitwit servitu` fuq il-proprjeta` tal-konvenuti Cuschieri u Azzopardi u dan bi pregudizzju ghalihom;

10. Illi, l-konvenuti Cuschieri u Azzopardi xtraw il-proprjeta` oggett ta' din il-vertenza skont it-termini tal-kuntratt *de quo* u ghalhekk kien hemm ftehim fuq il-haga u l-prezz u dan kollu ghandu jibqa' invarjat *ai termini* tal-principju *pacta sunt servanda*;

11. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, l-konvenuti Cuschieri u Azzopardi li bi hsiebhom jippreservaw id-drittijiet taghhom, ma jistghux jigu obbligati jaccettaw servitu` fuq il-proprjeta` taghhom u dan bi pregudizzju ghalihom;

12. Illi, inoltre il-konvenuti Cuschieri u Azzopardi, fl-eventwalita` li jigu ordnati xogholijiet rimedjali jkun ifisser li l-proprjeta` taghhom ma ghadiex l-istess wahda li kkuntrattaw ghaliha u ghalhekk, minn issa stess il-konvenuti Cuschieri u Azzopardi jiddikjaraw li sejrin jimxu ghar-rexissjoni tal-kuntratt *de quo* u d-danni kollha rizultanti minn din il-vertenza;

Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta' **Coleiro General Supplies Limited**[3] li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` esponenti hija l-inkwilin tal-garaxx 22, Triq il-Harrub, Msida u ghalhekk ma ghandha ebda interess fil-kwistjoni; dwar il-fatti allegati fl-ewwel tliet paragrafi dwar proprjeta` tirrimeti ruhha ghall-atti izda tirriserva l-posizzjoni taghha; kif ukoll tirrimetti ruhha ghall-provi u tirriserva l-posizzjoni taghha;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti tiddikjara illi Louis Coleiro kien ircieva telefonata minghand persuna li fuq it-telefon iddikjara li huwa s-sid tal-post u talbu sabiex jiftahlu l-garage halli jghaddi certi kommunikazzjonijiet. L-esponenti ikkopera izda sussegwentement irrizulta illi ma kienx sid il-kera jew l-proprjetarju izda persuna li ddikjara li kien is-sid; huwa *in bona fede* u jista' jghid inganna mhux talli ppermetta access izda kkopera billi halla impjegat tal-kumpanija meta fetah sabiex ighaddu xogholijiet; jizdied jinghad f'dan il-kuntest illi l-esponenti kienet effettivament baghtet impjegat minghajr ma qatt kienu fuq il-post jew kienu b'xi mod involuti fix-xogholijiet. Fil-fatt l-esponenti qatt iltaqa' mas-sid;

3. Illi l-esponenti ghalhekk jichad kull responsabilita` fejn gie allegat illi agixxa abuzivament u illegalment u jirriserva l-posizzjoni tieghu u kull dritt u azzjoni fil-Ligi fil-konfront ta' kull min ingannah;

Salv eccezzjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

[3] Pagna 30 tal-process

Rat il-provi kollha mressqa;

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Ġunju 2009 din il-Qorti diversament preseduta ħatret lill-Avukat Dr Anna Mallia bħala Perit Legali u lil Perti Robert Musumeci bħala Perit Tekniku;

Rat ix-xhieda kollha li ġew prodotti fil-mori tal-kawża quddiem il-Qorti u quddiem il-Perit Legali nominat mill-istess Qorti u dokumenti ppreżentati minnhom;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali ppreżentat fl-10 ta' Ġunju 2013;[4]

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2013;[5]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi ppreżentata fit-13 ta' Jannar 2015;[6]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Coleiro General Supplies Limited ppreżentata fis-6 t'April 2015;[7]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Paul u Frances konjugi Vassallo ppreżentata wkoll fis-6 t'April 2015;[8]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Bettega u Vanessa konjugi Cushchieri ppreżentata fil-15 ta' Mejju 2015;[9]

---

4 Paġna 109 tal-process.
5 Paġna 235 tal-proċess.
6 Paġna 271 tal-proċess.
7 Paġna 285 tal-proċess.
8 Paġna 289 tal-proċess.
9 Paġna 295 tal-proċess.

Rat ir-rapporti ulterjuri li ġew redatti mill-Perit Tekniku Robert Musumeci tal-25 t'Ottubru 2017 u tas-17 ta' Mejju 2018[10]rispettivament;

Rat it-trattazzjonijiet li saru quddiem il-Qorti diversament presjeduta kif ukoll semghet it-trattazzjoni tal-partijiet kif presjeduta;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi.**

Illi r-rikorrenti huma sidien tal-garaxx bin-numru 22, Triq il-Ħarrub, Imsida, liema garaxx huwa mikri lil Coleiro General Supplies Ltd. Bis-saħħa ta' kuntratt tal-31 ta' Jannar 1996, ir-rikorrenti ttrasferew b'kuntratt ta' bejgħ l-arja tal-imsemmi garaxx lill-konvenut Paul Vassallo bil-fakolta' li jqabbad il-kommunikazzjoni tad-drains u drenaġġ ta' l-arja in vendita ma' dak tal-garaxx sottostanti li jinsabu fix-xaft tal-istess garaxx. Permezz ta' kuntratt tal-4 ta' Frar 2003, Paul Vassallo biegh lill-konvenuti konjuġi Cuschieri l-flat li bena fl-arja sovrastanti l-imsemmi garaxx li jġib in-numru wieħed (1), fil-blokk tal-appartament bl-isem 'Maple Leaf'.

Ġara li f'xi żmien qabel ġew istitwieti l-proċeduri odjerni, ir-rikorrenti skoprew li kienu ġew installati katusi tad-drenaġġ u tal-ilma billi taqbu s-saqaf tal-istess garaxx u għaddewhom minn ġewwa l-fond proprjetà tagħhom. Ir-rikorrenti avviċinaw lil Paul Vassallo sabiex dan ineħħi dawn il-katusi b'mod immedjat spejjeż għalih.

10 Paġna 375 u 405 tal-proċess rispettivament.

Jirriżulta li s-Sur Vassallo kien lest li jagħmel dan iżda sab intopp min-naħa tal-konjuġi Cuschieri meta oġġezzjonaw li jsir xi tibdil fil-fond tagħhom sabiex ikunu jistgħu jgħaddu dawn il-katusi minn taħt il-madum tal-appartament tagħhom u dan nonostante li kien lest li jħallas l-ispejjeż kollha hu.

L-atturi istitwew dawn il-proċeduri fejn permezz tagħhom qegħdin jilmentaw li l-installazzjoni tal-katusi saru b'mod abbużiv u illegali stante li aggravaw is-servitujiet naxxenti mill-ambjenti tal-fondijiet, ħolqu servitujiet ġodda kif ukoll kien hemm ksur ta' waħda mill-klawżoli tal-kuntratt ta' bejgħ. Skont ir-rikorrenti, dan l-atteġjament min-naħa tal-konvenuti kollha jew min minnhom qiegħed jikkawża dannu lill-istess rikorrenti u qed jitolbu ħlas għal dan id-dannu kif ukoll li jitneħħew il-katusi a spejjeż tal-konvenuti jew min minnhom.

Ikkunsidrat

- ***Eċċezzjonijiet preliminari tal-konjugi Vassallo***

Fir-risposta ġuramentata tiegħu, il-konvenuti Vassallo eċċepew li l-azzjoni hija legalment invalida peress li l-azzjoni kienet waħda ta' spoll, u li l-azzjoni kienet preskritta. Permezz ta' nota ppreżentata fil-25 ta' Ġunju 2009[11] dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ġew irtirati u għalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet.

Ikkunsidat

- ***Min hu leġittimu kontradittur?***

---

11 Paġna 49 tal-proċess.

Eċċezzjoni komuni bejn Coleiro General Supplies Limited u l-konjuġi Cuschieri hija li m'humiex leġittimi kontraditturi fil-kawza odjerna. Filwaqt li s-socjeta Coleiro General Supplies Limited issejjes din l-eccezzjoni taghha fuq il-pretest illi hija l-inkwilin tal-garaxx u għalhekk m'għandha l-ebda interess fil-kwistjoni; il-konjuġi Cuschieri isejsu l-eċċezzjoni tagħhom fuq il-pretest li huma ma jistgħux ikunu obbligati jassumi oneri kuntrattwali jew ex-kuntrattwali responsabbli għalihom terzi.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi sew is-socjeta' konvenuta kif ukoll il-konvenuti konjugi Cuschieri huma legittimi kontradditturi flimkien mal-konvenuti Vassallo in kwantu s-socjeta' konvenuta ippermettiet li fil-garaxx minnha mikri minghand ir-rikorrenti isiru xogholijiet fis-saqaf li qua inkwilina kellha l-obbligu li tipprotegi filwaqt li l-konvenuti konjugi Cuschieri huma s-sidien attwali tas-sistema tad-drains u katusi installata abbuzivament u ghalhekk kwalunkwe decizzjoni fir-rigward ser tolqot lilhom direttament. Irid jinghad ukoll illi dikjarazzjoni gudizzjarja li konvenut huwa leġittimu kontradittur ma tfissirx awtomatikament li l-Qorti ser issib kontra tieghu imma li prima facie l-attur ghandu interes guridiku jistitwixxi kawza kontra tieghu. Mhux eskluz li wara s-smiegh tal-kawza u d-deliberazzjonijiet il-Qorti issib illi dak li originarjament gie meqjus bhala legittimu kontradittur ma jigix eventwalment dikjarat parti sokkombenti fil-kawza..[12]

Il-kawza odjerna giet istitwita mis-sidien tal-garaxx fil-pjan terran, kontra l-inkwilin tal-garaxx li ippermetta li l-garaxx mikri jitghabba b'servitu mill-fond sovrastanti; il-konvenuti konjugi Vassallo li ikkreajaw is-servitu de quo ad insaputa tas-sidien tal-garaxx; u l-konvenuti Cuschieri, is-sidien attwali tal-fond sovrastanti l-garaxx li a favur tieghu giet mahluqa is-servitu kontestata.

---

12 **Marouska Fenech vs. Support Services Limited et** (Rik Ġur Nru 388/14 JRM) deċiża mill-Prim'Awla fit-8 ta' Mejju 2018 (pendenti fl-appell). Ara wkoll **Frankie Refalo et vs. Jason Azzopardi et** (Appell Ċivili Nru 1365/1992/2 deċiża 5 t'Ottubru 2001.

Fil-fehma tal-Qorti il-konvenuti kollha huma legittimi kontraditturi. Ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Cuschieri u Coleiro General Supplies Limited qed jigu respinti.

Ghalkemm fil-mori tal-kawza l-konjugi Cuschieri esprimew li l-proprjetarji tal-appartamenti kollha tal-blokka ghandhom ikunu parti f'din l-azzjoni, huma naqsu milli jindirizzaw dan l-aspett konkretament u la resqu eccezzjoni formali fir-rigward u lanqas talbu l-kjamata in kawza taghhom.

Ikkunsidrat

Peress li l-qofol tal-kawza odjerna huwa l-allegazzjoni tal-atturi li abbuzivament u illegalment inholqot servitu gravanti l-garaxx de quo a favur il-fond sovrastanti, jeħtieġ l-ewwel u qabel kollox li jigi ezaminat l-istitut tas-Servitu'.

- ***Legislazzjoni***

Servitujiet huma regolati bil-**Kodiċi Ċivili,** mill-Artikolu 400 'il quddiem. **Artikolu 400** jibda billi jispjega x'inhuwa servitu u jipprovdi hekk:

(1) "Is-servitù hija jedd stabbilit għall-vantaġġ ta' fond fuq fond ta' ħaddieħor, sabiex isir użu minn dan il-fond ta' ħaddieħor jew sabiex ma jitħalliex li sidu juża minnu kif irid.

(2) Il-fond li fuqu jkun hemm is-servitù jissejjaħ fond serventi; u l-fond li għall-vantaġġ tiegħu s-servitù tiġi maħluqa jissejjaħ il-fond dominanti. "

Il-liġi tkompli tispjega li servitu jista' jinħoloq mil-liġi għall-utilità pubblika li huma stabbiliti minn liġijiet jew regolamenti speċjali jew inkellha ghall-utitlità privata u tgħaddi sabiex tispjega fis-sub-titolu li jsewgwi fiex jikkonsistu din ix-xorta ta' servitu. Il-liġi tispjega wkoll li servitujiet jistgħu jinħolqu mill-fatt tal-bniedem. Huwa dan l-aħħar metodu li huwa ta' interess f'dawn il-proċeduri.

**Artikolu 458**.

"It-titolu li bih tiġi mnissla servitù hu null jekk ma jidhirx minn att pubbliku; u jekk is-servitù tiġi mnissla b'att *inter vivos*, din is-servitù ma tibdiex isseħħ kwantu għat-terzi qabel ma l-att jiġi nsinwat fir-Reġistru Pubbliku skont l-artikolu 330, fuq talba ta' waħda mill-partijiet interessati, jew tan-nutar li jkun irċieva l-att."

**Artikolui 474**.

"(1) Is-sid tal-fond serventi ma jista' jagħmel xejn li jista' jnaqqas l-użu tas-servitù jew li jagħmel li dan l-użu jkun ta' xkiel akbar. Hu ma jistax ibiddel il-kondizzjoni tal-fond, lanqas ma jista' jiddestina għall-eżerċizzju tas-servitù parti oħra tal-fond diversa minn dik li fiha s-servitù kienet ġiet stabbilita fil-bidu.

(2) Iżda, jekk l-eżerċizzju tas-servitù fil-parti jew fuq il-parti tal-fond li fil-bidu tkun ġiet id-destinata jsir ta' xkiel akbar għas-sid tal-fond serventi, jew jekk dan is-sid ma jkunx jista' minħabba dan l-eżerċizzju jagħmel xogħlijiet, tiswijiet jew miljoramenti fil-fond tiegħu, hu jista' joffri lil sid il-fond dominanti parti oħra xorta waħda tajba għall-eżerċizzju tas-servitù, u dan ma jistax jirrifjutaha.

(3) It-tibdil tal-parti tal-fond iddestinata għall-eżerċizzju tas-servitù jista' wkoll isir fuq talba tas-sid tal-fond dominanti, jekk hu jipprova li dan it-tibdil huwa għalih ta' ġid kbir, u ma hu ta' ebda ħsara għall-fond serventi.

**Artikolu 475**. Kull min għandu jedd ta' servitù għandu jinqeda b'dan il-jedd skont it-titolu tiegħu, u ma jista' jagħmel la fil-fond serventi u lanqas fil-fond dominanti ebda tibdil li jista' jtaqqal iżjed il-piż tal-fond serventi.

**Artikolu 476**. Meta jkun hemm dubju dwar l-estensjoni tas-servitù, wieħed għandu jinqeda biha fil-limiti ta' dak li hu meħtieġ, billi jittieħdu b'qies id-destinazzjoni li l-fond dominanti kellu fiż-żmien li ġiet stabbilita s-servitù u l-użu konvenjenti ta' dak il-fond, bl-anqas ħsara tal-fond serventi. "

- ***Gurispurdenza***

In tema legalii ssir referenza ghal dak li intqal mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Abela et vs. Alfred Ellul et** (Cit Nru 1769/2001) deċiża fit-3 t'Ottubru 2008:

"Din il-Qorti fil-kawza "Bugeja vs Bugeja", deciza fit-18 ta' Jannar, 1995, kienet osservat li servitu` jista' jinholoq biss b'titolu, bil-preskrizzjoni jew bid-destinazzjoni ta' sid ta' zewg fondi, u ma jinholoqx bil-fatt li, waqt li kienu ghaddejjin ix-xoghliijiet relattivi, il-gar ma qajjem ebda oggezzjoni. Kwindi, anke jekk, kif jallegaw il-konvenuti, l-atturi kienu jigu fuq is-sit ta' spiss u rawh jaghmel il-komunikazzjoni tad-drenagg, izda ma opponewx, dan ma jwassalx ghall-akkwist ta' servitu`. Din il-Qorti, fil-kawza "Calleja vs Spiteri", deciza fil-5 ta' Ottubru, 1994, kienet anke osservat illi s-semplici approvazzjoni ma tistax tohloq servitu`, ghaliex din tinholoq biss jew b'titolu, jew bi preskrizzjoni jew bid-destinazzjoni tas-sid komuni taz-zewg fondi. (ara wkoll "Neame vs Tabone", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju, 1988)."

**Godwin Azzopardi vs Paul Azzopardi** (Cit Nru 1150/1994/2) deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003:-

"Kif akkolt mill-gurisprudenza, ma jistax titolar ta' servitù jippretendi estensjoni taghha billi l-esercizzju taghha skond it-titolu taghha jkun sar insufficjenti minnhabba t-tibdiliet li jkunu saru; ghax jekk hu veru illi l-kreazzjoni tas-servitù titqies li tikkomprendi dak kollu li hu mehtieg ghat-tgawdija tas-servitù l-kliem 'dak kollu mehtieg' (Artiklu 476 tal-Kodici Civili) ghandu jigi nterpretat b'riferenza ghaz-zmien tal-kostituzzjoni tas-servitù u mhux in referenza ghall-izviluppi li jkun ghamel wara dak iz-zmien sid il-fond dominanti (**Fortunata Farrugia vs Vincenzo Galea** - Prim'Awla tal-Qorti Civili 19 ta' April, 1947)."

Illi hu pacifiku illi "is-servitu` bid-destinazzjoni ta' missier il-familja ma tohrogx mill-intenzjoni imma mill-fatt; dak li hu importanti mhux x'kien indikat fil-pjanta li l-proprjetarju ta' zewg fondi ried jaghmel, imma x'kien l-istat ta' fatt tal-fond meta l-fondi ma baqghux ta' sid wiehed." ("**Francis Apap - vs- Michael Galea**", Appell Civili, 24 ta' Marzu 1975; "**Anthony Portelli et -vs- Eucharistico Portelli et**", Appell Civili, 2 ta' Awissu 1994).

Illi kif inghad fid-decizjoni "**Joseph Borg vs Victor Refalo**" (App. 7 ta' Ottubru 1997), "ma jista' qatt jinghad li s-servitu` kienet valutata u giet krejata b'att ta' volonta` tal-istess persuna proprjetarja li ddestinat li l-proprjeta` taghha tkun gawduta meta tigi trasmessa lil terzi bil-mod kif is-servitu` minnu krejata tkun timponi. Jekk xi wahda miz-zewg proprjetajiet tkun diga` ghaddiet fil-proprjeta` ta' haddiehor u ma tkunx baqghet tal-istess proprjetarju, is-servitu` ma' jista' qatt jigi konsidrat li giet krejata bil-volonta` tal-istess persuna wahda proprjetarja, imma trid necessarjament jitqies li se mai tkun giet krejata bil-konkors tal-kunsens tas-sidien taz-zewg proprjetajiet. F'din l-eventwalita` hu ovvju li l-holqien tas-servitu` ghandu, per forza, isir tramite att pubbliku u b'hekk biss jista' jigi provat."

Huwa ben saput li hadd ma jista' jikkreja servitu gdid minghajr id-debita permess. Huwa saput ukoll li kull minn ghandu servitu ghandu jgawdih fil-limiti tieghu u ma jistax jikkawza hsarat u/jew itaqqal il-piz tal-fond servjenti. Dan jirrizulta mill-gurisprudenza inkluz fis-sentenza **Rev. Patri Vigarju Provincjali Raymond Francalanza pro et noe vs. Nike Ventures Limited et** (Ċit Nru 679/2004) kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-9 ta' Jannar 2007:

Il-fatt illi diga' kien hemm servitu` permezz ta' tieqa ma jaghtix ebda dritt iehor lill-konvenuti li jaggravawha billi jikkrejaw servitujiet godda u minghajr permess, liema permess irid jinghata permezz ta' att, jew minghajr id-dekors tal-uzukapjoni jew minhabba destinazzjoni tas-sid taz-zewg fondi. L-artikolu 475 jistipula illi kull min ghandu jedd ta' servitu` ghandu jinqeda b'dan il-jedd skond it-titolu tieghu, u ma jista' jaghmel la fil-fond servjenti u lanqas fil-fond dominanti ebda tibdil li jista' jtaqqal izjed il-piz tal-fond servjenti.

**Louis Gauci vs Angela Attard**, [Prim Awla-  9 ta' Dicembru, 2002]:-, (a) Is-servitujiet huma 'di stretto diritto' u kull limitazzjoni ghad-dritt li wiehed jisserva liberament bi hwejjgu ghandha tircievi interpretazzjoni rigoruza anke ghaliex is-servitu` hi eccezzjoni ghar-regola tal-massimu u liberu godiment ta' fond; (b) Tant dan hu hekk illi jinsorgi l-principju l-iehor illi fejn ikun hemm dubbji dwar l-estensjoni ta' servitu`, 'quod minimum est sequimur' (Maria Azzopardi -vs- Giuseppe Sciberras, Appell Civili, 18 ta' Ottubru 1963; Vol. XXX PI p 139). Li jfisser li "si deve interpretare in senso restrittivo e qualunque dubbio circa la detta materia si deve risolversi in vantaggio del possessore del fondo serviente ….", (Vol. XVIII PII p325; Vol. XXVI PI p 759).

F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel ampja riferenza ghal dak li qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Louis Gauci vs Angela Attard** deciza fid-9 ta’ Dicembru 2002:

“Il-ligi ma taghtina l-ebda definizzjoni jew tifsira ta’ x’jikkostitwixxi stat oneruz jew gravuz f’kazijiet bhal dan izda tillimita ruhha biex tghid illi ma jista’ jsir fil-fondi, kemm dak dominanti u dak serventi, “ebda tibdil li jista jtaqqal izjed il-piz tal-fond serventi” (Artikolu 475). Dan b’applikazzjoni tal-principju dettat mill-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili fejn jiddisponi illi “kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.” Minn dak rintraccjat f’sentenza riportata a Vol. IX pagna 589, insibu din l-osservazzjoni:- “La legge, vietando di far cosa, che rende piu` grave la servitu` del fondo inferiore, volle necessariamente intendere che il risultato dell’atto del proprietario superiore arrecchi un pregudizio reale, non verificandosi il quale, l’atto dev’essere mantenuto. Il pregudizio adunque sara` ognora la norma, che dovranno osservare il tribunale nel pronunziare. Non giustificando il proprietario del fondo inferiore un reale pregudizio, le opere nuove, che si facessero dal superiore, devono esser conservate.” - Nobile Orade Testaferrata Viani -vs-Lorenzo Farrugia Bugeja, 24 Novembre, 1881, konfermata in sede appell fit-30 ta' Gunju 1883 (Vol. X pag. 176). Tali principju gia addottat ukoll fid-decizjoni riportata a Vol. XXIX P II p 590; Naturalment kollox jiddependi mill-fattispecje ta' kull kaz. F'kazijiet bhal dawn il Qorti tifhem illi mhux dejjem facli li oggettivament tistabbilixxi il-fatt ta’ l aggravament b’mod assolut u spiss jigri li jkun mehtieg li tuza d-diskrezzjoni taghha wara ezami soggettiv tal-provi. Dejjem pero` ghandha tkun il-mira li filwaqt li tirrikonoxxi d-dritt tal-vantagg ghal fond dominanti, dan l-istess vantagg ma johloqx soggezzjoni zejda lil fond serventi”;[13]

---

13 Ara wkoll **George Mifsud et vs Raymond Vella et** (Cit Nru 2292/1996) deciza fis-16 ta’ Gunju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili; **Avukat Dr. Eric Mamo et vs Cheryl Wismayer** (Cit Nru 981/2001) deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-26 ta’ Jannar 2007.

Finalment issir referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **S. M. W. Corti Limited vs. Lewis Press Ltd** (App. Ċiv. Nru 235/2000/2) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-31 ta' Jannar 2011 fejn wara li ghamlet referenza ghall-principji generali tal-kuntratt ghaddiet biex applikat dawk il-principji ghall-kuntratt li permezz tieghu jigi krejat servitu:-

"In mertu ta' din il-kwistjoni din il-Qorti tixtieq tissenjala dawk il-principji legali li ghandhom relevanza ghas-soluzzjoni ta' tali vertenza kif inkorporati fid-diversi artikoli tal-Kodici Civili. Fl-ewwel lok huwa stabbilit li kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn minn nies jew izjed, illi bih tigi maghmula, regolata, jew mahlula obbligazzjoni (Art. 960). Kull kuntratt maghmul skond il-ligi ghandu s-sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluh (Art 992). Il-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghal konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi (Art. 993). Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni (Art. 1002). Fid-dubbju, il-konvenzjoni tigi mfissra kontra dak li favur tieghu saret l-obbligazzjoni u favur dak li ntrabat bl-obbligazzjoni.

Servitu` li tinholoq kemm b'ligi kif ukoll mill-fatt tal-bniedem, huwa jedd stabbilit ghall-vantagg ta' fond fuq fond ta' haddiehor, sabiex isir uzu minn dan il-fond ta' haddiehor jew sabiex ma jithalliex li sidu juza minnu kif irid. Is-servitu` ta' moghdija, in kwantu servitu` mhux kontinwa, tehtieg l-att pubbliku biex tohloq titolu (Art. 458). Kull min ghandu jedd ta' servitu` ghandu jinqeda b'dan il-jedd skond it-titolu tieghu, u ma jista' jaghmel la fil-fond serventi u lanqas fil-fond dominanti ebda tibdil li jista' jtaqqal izjed il-piz tal-fond serventi (Art. 475). Meta tigi stabbilita` servitu`, jitqies li maghha gie moghti dak kollu li hu mehtieg ghat-tgawdija ta' dik is-servitu` bl-anqas hsara li jista' jkun tal-fond serventi. (Art. 470). Finalment <u>meta jkun hemm dubbju dwar l-estensjoni tas-servitu`, wiehed ghandu jinqeda biha fil-limiti ta' dak li hu mehtieg billi jittiehdu b'qies id-destinazzjoni li</u>

l-fond dominanti kellu fiz-zmien li giet stabbilita` s-servitu` u l-uzu konvenjenti ta’ dak il-fond, bl-anqas hsara tal-fond serventi (Art. 476)." .[14]

Ikkunsidrat

Il-Qorti tagħmel referenza għall-kuntratti rilevanti għall-mertu tal-kawża:-

**Klawżola 5** tal-kuntratt ta’ bejgħ bejn Mangion u Vassallo tipprovdi :

Il-kompratur ghandu d-dritt li jqabbad l-kommunikazzjoni tad-drains u d-drenagg tal-arja in vendita ma' dik tal-garage sottostanti, pero jobbliga ruhu li jhallas sehemu pro rata ghall-manutensjoni u riparazzjoni ta’ l-istess sistema’

Min-naħa l-oħra **klawżola 4** tal-kuntratt bejn Vassallo u Cuschieri tipprovdi li

Il-vendituri ghandhom id-dritt li jghaddu l-katusi tal-ilma u drenagg tal-appartamenti kollha tal-blokk minn gol btiehi interni.

Jirrizulta mill-provi illi proprjetà ta’ Cuschieri għandha żewġt ibtiehi - waħda interna u waħda wara l-bini, u magħhom hemm ukoll xaft lejn nofs il-proprjetà li jifforma parti mix-xaft tal-garaxx tar-rikorrenti. Meta klawżola 4 tal-kuntratt bejn konjugi Vassallo u konjugi Cuschieri qed tirreferi għall-bitħa interna din m’hijiex referenza għax-xaft li fiha diġa kien hemm il-katusi tar-rikorrenti Mangion. Jirriżulta mill-provi li fil-bitħa interna hemm il-katusa tad-drenaġġ tal-appartament ta’ Cuschieri li tiltaqa’ mal-katusi tat-tlett appartamenti li jinstabu fuq l-appartament tal-konvenuti konjugi Cuschieri (liema katusa tibqa nizla mis-saqaf tal-garaxx)[15]; hemm ukoll katusa tal-ilma tax-xita minn fuq il-bejt. Min-naha l-ohra

14 Sottolinejar tal-Qorti.

15 Paġna 379 tal-proċess.

fix-xaft hemm katusa li sservi għad-drenaġġ tal-ensuite tal-flat tal-intimati konjugi Cuschieri u l-appartamenti fis-sulari sovraposti, liema katusa taqbad mal-katusa tad-drenaġġ fil-ġaraxx.[16] Finalment fil-bitħa ta' wara wieħed isib katusa tal-fuħħar li sservi l-appartamenti fis-sulari sovraposti li taqbad mal-katusa tad-drenaġġ li hemm fil-garaxx.

Il-kuntratt tal-31 ta' Jannar 1996 ma jippreċiżax ezatt minn fejn għandhom jgħaddu l-katusi iżda jipprovdi illi Vassallo jista' jagħmel użu mill-katusi diġa eżistenti. Il-Qorti tifhem li hija kemmxejn ovvja li l-katusi kellhom jgħaddu kollha mix-xaft li jagħti għall-garaxx. Kwalunkwe permess espress jew taċitu da parti tas-soċjeta' konvenuta fir-rigward ta' dak li sehh ma jiswa xejn stante li ma hiex sid il-garaxx.. Il-permess sabiex jgħaddu l-katusi mis-saqaf tal-garaxx mhux is-soċjeta konvenuta riedet tagħtih imma l-atturi qua is-sidien tal-garaxx.

Il-ħolqien tas-servitu` ta' kommunikazzjoni ta' drenaġġ u drains ma jistax jigi kkunsidrat li kien jinkludi d-dritt li jitħaffer is-saqaf tal-garaxx u jghaddu katusi mill-proprjetà tar-rikorrenti. Illi meta l-konvenut Vassallo ġie rinfaċċat mir-rikorrenti sabiex ineħħi l-katusi li kien għadda mill-garaxx tagħhom huwa immedjetament kien lest li jirrimedja. Il-konvenut Vassallo kien konsistenti fil-pożizzjoni tiegħu u ċioe li huwa għaraf 'li x-xogħol li sar fih lanjanzi u mill-ewwel accettajt li naghmel dawn ix-xogholijiet a spejjes tieghi'[17]. Din il-posizzjoni tieghu jerga' jikkonfermaha matul il-kontro-eżami tiegħu tal-5 ta' Novembru 2009 fejn ikkonferma 'li l-katusi saru ħazin, mertu tal-kawża, u lest li nirrangahom a spejjeż tiegħi. Nikkonferma li dawn ix-xogħlijiet saru minni. Għaddejt il-katusi minn ġo l-art u s-saqaf tal-atturi'.

16 *ibid.*
17 Affidavit ta' Paul Vassallo, paġna 52 tal-proċess.

F'dan is-sens hu rilevanti dak li nghad fis-sentenza **Fortunata Farrugia et vs Vincenzo Galea** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (fuq citata)[18], "l-atturi ma jistghux jippretendu li s-servitu` tigi estiza, ghaliex estensjoni magguri tekwivali ghal servitu` gdida (Sant vs Cassar, 11 ta' Mejju 1934, Appell).....". Meta l-konvenut Vassallo ghadda l-katusi minn gewwa l-garaxx tal-atturi huwa kien qieghed jestendi s-servitu billi taqqal il-piz tas-servitu fuq il-proprjeta serventi, xi haga li m'huwiex permessibbli bil-ligi jekk mhux bil-kunsens ta' sid il-proprjeta' serventi. Kull min ghandu jedd ta' servitù ghandu jinqeda b'dan il-jedd skond it-titolu tieghu, u ma jista' jaghmel la fil-fond serventi u lanqas fil-fond dominanti ebda tibdil li jista' jtaqqal izjed il-piz tal-fond serventi.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi t-talbiet attrici in kwantu qed jintalab dikjarazzjoni gudizzjarja illi x-xoghlijiet ta' installazzjoni ta' katusi ta' drenagg u ilma fil-garaxx tal-atturi saru b'mod abbusiv u illegali huma fondati u ser jigu akkolti.

Tenut kont li l-konvenuti Vassallo ex admissis jiddikjaraw ruhhom responsabbli ghall-akkadut u li kienu lesti jaghmlu tajjeb sabiex dawk ix-xogholijiet jitnehhew iwassal lill-Qorti tikkonkludi illi l-ispejjez kollha necessarji sabiex dawk is-servizzi intallati abbuzivament jitnehhew ghandhom ibatuhom il-konvenuti Vassallo b'dan illi il-konvenuti l-ohra qed jigu kkundannati jippermettu tali xogholijiet isiru.

Fir-rigward tal-konvenuti konjugi Cuschieri irid jinghad illi għalkemm ma kienux huma li għamlu x-xogholijiet abbuzivament fil-garaxx proprjeta' tal-atturi, is-servitu krejata abbuzivament qegħda sservi il-fond illum proprjeta' tagħhom. Għalkemm il-katusi mertu tal-kawza odjerna kienu gia' lesti meta huma xtraw il-fond sovrastanti il-garaxx id-deċiżżjoni f'din il-kawża ser tolqot direttament il-fond illum proprjeta' tagħhom.

---

18 Deċiża fid-19 ta' April 1947 – Vol. XXXIII.ii.55.

- ***Danni***

L-atturi jallegaw ukoll li kellhom perkolazzjoni tal-ilma u qegħdin jitolbu l-ħlas ta' danni. Nonostante din l-allegazzjoni r-rikorrenti naqsu milli jġibu prova ta' dan. il-Perit Tekniku Robert Musumeci fir-Rapport tiegħu osserva li '*in prima vista* ma jidhirx li kien hemm perkolazzjoni ta' xi ilmijiet'[19]. Min-naha l-ohra rigwardanti l-inzul tal-katusi gol-garaxx u l-hsarat li jista' jkun hemm il-Perit Musumeci ta' l-ispjegazzjoni segwenti:-

*"parti tas-saqaf immedjatament vicin fejn thaffru t-toqob biex setghu jghaddu l-katuri tinsab minghajr "cover" u dan presumbibilment bid-damdim waqt it-thaffir. Di piu ix-xibka tas-saqaf (rinforz) sahansitra tidher ukoll f'xi partijiet [...] kif inghad, gara probabilment konsegwenza tat-thaffir biex setghu jghaddu l-katusi. Mill-banda l-ohra ma jistax jinghad li dan l-intervent ikkawza hsarat strutturali li b'xi mod qed jippregudikaw l-integrita ta' l-istruttura, u dan peress li t-toqob huma relattivament zghar (u allura fis-saqaf hemm redistribution of stresses adegwata), di piu it-travu ma giex mimsus [...] F'dan il-kuntest, l-esponenti jidhirlu li dik il-parti esposta tas-saqaf vicin it-toqob ghandha tigi almenu rimedjata u dan billi dawk il-partijeit tas-saqaf li jinsabu f'rag ta' nofs metru minn fejn jinsabu t-toqob u fejn il-cover inkixef kif ukoll l-ispazju bejn il-katusi u l-hxuna tas-saqaf minn fejn l-istess katusi jinsabu mghoddi, jigu imsewwija [...]"*

Il-Perit ikompli jirrimarka li l-katusi li saru fil-garaxx fil-fatt m'għandhomx spakxin u jekk ser jibqgħu fejn huma dawn għandhom jiġu introdotti kull fejn il-katusa tbiddel direzzjoni.

---

19 Paġna 265 tal-proċess.

Tenut kont li l-Qorti ser tordna li d-drains u katusi mghoddija mill-garaxx abbuzivament jitnehhew, isegwi illi tali xoghol ta' rimozzjoni jinkludi wkoll li s-saqaf de quo jigi ripristinat ghall-istat quo ante x-xogholijiet abbuzivi.

Id-danni reklamati mill-atturi jikkonsistu fil-hsara maghmula fis-saqf b'rizultat tax-xogholijiet mertu tal-kawza odjerna ghalkemm ma rrizultawx danni ohra.

Dwar l-ispejjez, tenut kont li x-xogholijiet abbuzivi saru mill-konvenuti Vassallo, il-Qorti tqis illi ghandhom jaghmlu tajjeb ukoll ghall-ispejjez tal-kawza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi prevja li tiddispponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti konformement ma' dak hawn deċiż:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara illi x-xoghlijiet ta’ installazzjoni ta’ katusi ta’ drenagg u ilma magħmula mill-konvenuti Paul u Frances konjuġi Vassallo fil-garaxx numru 22, Triq il-Harrub, Msida, kif fuq imsemmi saru b’ mod abbuziv u illegali.

2. Tilqa' t-tieni, r-raba' u l-ħames talbiet attriċi u tordna lill-konvenuti kollha sabiex a spejjez tal-konvenuti Paul u Frances konjugi Vassalloi jneħħu u jaqilgħu il-katusi kollha mwaħħla fil-garaxx ta' l-atturi kif fuq imsemmi;  kif ukoll jagħmlu x-xogħlijiet rimedjali kollha meħtieġa fil-fond tal-atturi kollox taħt id-direzzjoni tal-Perit Dr  Robert Musumeci sabiex il-fond de quo b'mod partikolari s-saqaf tieghu jigi ripristinat ghall-istat li kien qabel saru l-installazzjonijiet abbuzivi mertu tal-kawza odjernal liema xogholijiet ghandhom isiru fi żmien tlett xhur millum. Fin-nuqqas li jottemperaw ruhhom fit-terminu moghti; tawtorizza lill-atturi sabiex jagħmlu l-istess xogħlijiet ta' rimozzjoni u xogholijiet rimedjali taħt id-direzzjoni

tal-Perit Dr Robert Musumeci a spejjez tal-konvenuti Vassallo b'dan illi f'tali eventwalita' l-istima tal-ispejjez ghandha tigi preventivament awtorizzata mill-istess Perit.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba attrici.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti Paul Vassallo u Frances Vassallo.

Moqrija

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**